**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Gunju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Ass. Kummissarju Martin Sammut)**

**-vs-**

**Shone (Carmel-Shone) Agius detentur**
**tal-karta tal-identità bin-numru 123673(M)**

**Omissis**

Kumpilazzjoni Nru: 349/07

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Shone (Carmel-Shone) Agius** talli:

1. Nhar is-17 ta' April 2007, f'xi ħin bejn nofsinhar (12:00pm) u s-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13:30pm), minn ġewwa Triq il-Kwarta, is-Swieqi, kkommettew serq ta' diversi għodod minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBM 085 tal-għamla Isuzu, liema serq jeċċedi l-Lm1000 iżda inqas minn Lm2000, għad-dannu ta' Joseph Chetcuti u s-soċjetà J & C Contractors Ltd, liema serq huwa ggravat bil-'valur' u 'bix-xorta tal-ħaġa misruqa', u dan bi ksur ta' Artikolu 267 u 271 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Saru reċedivi b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u kif ukoll tal-Qorti tal-Appell.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 261(c)(g), 267, 271, 279, 280 tal-Kodiċi Kriminali; u
(ii) Fl-artikoli 49, 50, 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat flimkien ma' ko-awtur iehor kienu serqu diversi ghodod minn fuq sit ta' kostruzzjoni gewwa s-Swieqi a dannu ta' Joseph Chetcuti, direttur ta' J&C Constructions Limited. Kien l-istess Chetcuti li kien gie mgharraf dwar min wettaq is-serqa u fil-fatt kien wasal sabiex jigi rintraccjat l-imputat.[1] L-imputat mill-ewwel ammetta mieghu l-involviment tieghu u sahansitra wasslu ghal fejn kienu mizmuma l-oggetti li kienu nsterqulu. L-oggetti, li skont il-parte leza kienu jiswew bejn LM1500-LM2000, gew rritornati lilu.

Illi l-imputat kien assista fl-investigazzjonijiet li segwew u kien anke zvela l-ko-awtur tieghu mal-Pulizija.[2]

Illi kif xehed fit-2 ta' Mejju, **2007**, [dak iz-zmien] Spettur Martin Sammut, il-parte leza ma kellha ebda interess ulterjuri ghajr li azzjoni simili ma tergax tirrepeti ruha.[3] Dan kien granet wara li sehhet din is-serqa. Kif mistenni izda l-Pulizija ma kellha ebda alternattiva ohra ghajr li tipprocedi b'dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat/i.

---

[1] Fol.46
[2] Stqarrija MS2, Fol. 24
[3] Fol.18; 216

Mill-atti processwali din il-Qorti tqis l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ppruvati.

Illi inkwantu ghall-piena il-Qorti tikkunsidra illi din il-kawza kienet giet differita ghas-sentenza ghall-ewwel darba fis-17 t'Ottubru, tal-2011, wara li kienet instemghet *Probation Officer* li kkonfermat li l-imputat kien beda juri kambjament u deher li beda jhalli warajh il-hajja xejn produttiva li kien gie immers fiha.[4] Jinghad ukoll li d-dewmien riskontrat kien anke dovut ghall-fatt li l-imputat ghamel zmien konsiderevoli jbati minn mard divers fejn ghamel zmien twil rikoverat fl-isptar.

Illi l-Qorti rat dak li gie dikjarat mill-*Probation Officer* fir-rapport datat it-18 ta' Jannar, 2016, fejn ir-rieda tal-imputat, xejn inqas minn kwazi sitt snin wara, baqghet wahda soda. Agius baqa' perseveranti li ma jergax jidhol fl-isqaq mudlam li kien spicca fih snin ilu. L-imputat hallas ghall-ghemil tieghu u llum il-gurnata piena karcerarja effettiva, li l-Qorti tqis tkun wahda ingusta fid-dawl ta' dawn il-fatti, twassal biss sabiex dak li b'tant determinazzjoni stinka biex jottjeni, jiggarraf f'qasir zmien.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 20, 49, 261(c)(g), 267, 271, 279, 280 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni fuqu impost.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[4] Fol.190-1